Applikazzjoni Ġeneratur tal-UFI Gwida għall-Utent

Novembru 2021

Dikjarazzjoni taʾ ċaħda taʾ responsabbiltà

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti lill-utenti sabiex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament CLP. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament CLP huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Verżjoni	Bidliet	
1.1	L-ewwel rilaxx tal-gwida għall-utent taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ewropea	Ottubru 2016
2.0	L-istil huwa allinjat mal-identità viżiva tal-ECHA wara t-trasferiment tal-gwida għall-utent mill-Kummissjoni Ewropea lill-ECHA	Ġunju 2018
2.1	Possibbiltà miżjuda biex jiġu ġġenerati UFIs għall-kumpaniji li għandhom numru tal-VAT iżda għal raġunijiet kummerċjali għażlu li ma jużawhx	Ottubru 2019
2.2	Aġġornata skont l-identità viżiva ġdida	Novembru 2020
2.3	Dan il-UFI mhux validu: Mhuwiex fil-format xieraq, eż.: 3000-A0PG-V004-2074	Novembru 2021

Applikazzjoni Ġeneratur tal-UFI - Gwida għall-Utent

Referenza: ECHA-19-H-07-EN
ISBN: 978-92-9020-723-8
Numru tal-Kat.: ED-01-19-714-EN-N
DOI: 10.2823/521447
Data tal-pubblikazzjoni: Novembru 2021
Lingwa:MT

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2021,
Kopertina © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq: http://echa.europa.eu/contact

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, il-Finlandja
Indirizz għaż-żjarat: Telakkakatu 6, Helsinki, il-Finlandja

Werrej

1. INTRODUZZJONI 5

2. IĠĠENERA L-UFIS 6

2.1 Ibda l-applikazzjoni u agħżel lingwa 6
2.2 Iġġenera UFI wieħed 7
2.3 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar 9
2.3.1 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni sekwenzjali 9
2.3.2 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni mhux sekwenzjali 10
2.4 Iġġenera UFI meta l-kumpanija tiegħek ma jkollhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx 12

3. IVVALIDA UFI 14

4. IKSEB KJAVI TAL-KUMPANIJA 15

APPENDIĊI 1. REKWIŻITI TAL-BRAWŻER, JAVASCRIPT U L-UŻU TAL-COOKIES 16

APPENDIĊI 2. SETTINGS TAL-ISSEJVJAR TAL-BRAWŻER 18

APPENDIĊI 3. IMPORTA CSV F'EXCEL 21

APPENDIĊI 4. OĦLOQ FAJL B'NUMRI TA' FORMULAZZJONI 24

Werrej tal-Figuri

Figura 2-1: Iġġenera UFI meta l-kumpanijia tiegħek ikollha numru tal-VAT 7
Figura 2.2: Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni sekwenzjali 9
Figura 2-3: Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni mhux sekwenzjali 11
Figura 2-4: Agħżel fajl CSV b'numri ta' formulazzjoni 12
Figura 2-5: Iġġenera UFI meta l-kumpanija tiegħek ma jkollhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx 13
Figura 3-1: Kif tivvalida UFI 14
Figura 4-1: Kif tikseb kjavi tal-kumpanija 15
Figura A-1 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-1: Verifikatur tal-JavaScript 16
Figura A-2 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-2: Messaġġ ta' kunsens għall-cookies 16
Figura A-3 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-3: Niżżel u ssejvja fajl b'Internet Explorer 20
Figura A-4 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-4: Issejvja bħala b'Internet Explorer 20
Figura A-5 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-5: Excel ma jifridx kolonni 21
Figura A-6 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-6: Save as (Issejvja bħala) .csv b'Excel 24

Figura A-7 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-7: Save as (Issejvja bħala) .csv b'Notepad 25

Werrej tat-Tabelli

Tabella 1-1: Cookies tal-applikazzjoni 17

1. Introduzzjoni

Id-definizzjoni ta' format ta' preżentazzjoni armonizzat għall-preżentazzjoni sabiex jinħatru korpi mill-importaturi u mill-utenti downstream tal-informazzjoni relatata mat-taħlitiet perikoluż li jqiegħdu fis-suq wasslet għall-introduzzjoni tal-kunċett ta' **Identifikatur Uniku tal-Formula** (UFI) li se jintuża sabiex tiġi stabbilita rabta mhux ambigwa bejn prodott li jitqiegħed fis-suq u l-informazzjoni disponibbli għat-trattament tal-pazjenti.

Ġie definit format għall-Identifikatur Uniku tal-Formula u ġiet żviluppata applikazzjoni ta' software li tippermetti l-ġenerazzjoni ta' UFIs mill-industrija.

Il-gwida għall-utent preżenti tipprovdi informazzjoni u għajnuna dwar il-karatteristiċi tal-applikazzjoni Ġeneratur tal-UFI:

- It-tnedija tal-applikazzjoni u l-għażla ta' lingwa.
- Il-ġenerazzjoni tal-UFIs, wieħed wieħed jew f'ammonti kbar.
- Il-validazzjoni tal-UFIs.
- Il-kisba ta' kjavi tal-kumpanija, għal kumpaniji li jridu jiżviluppaw jew jużaw implimentazzjoni lokali tal-ġeneratur

Il-Ġeneratur tal-UFI huwa **applikazzjoni tal-web** li taħdem fil-brawżer tiegħek u ma tissejvjax l-UFIs li int tiġġenera. Barra minn hekk, din ma tirreġistrax xi informazzjoni dwar l-użu tal-applikazzjoni. Dan ifisser li jeħtieġ li tissejvja l-UFI li tiġġenera jew ir-riżultati ta' talba f'ammonti kbar int stess.

Informazzjoni teknika dwar ir-rekwiżiti u s-settings tal-brawżer, JavaScript, l-użu tal-cookies, u l-format tal-fajl tista' tinstab fl-appendiċi.

2. Iġġenera l-UFIs

2.1 Ibda l-applikazzjoni u agħżel lingwa

1

Biex tibda l-applikazzjoni idħol fuq https://ufi.echa.europa.eu/#/create i fil-browser tal-web tiegħek.

Il-paġna ewlenija tal-applikazzjoni hija maqsuma fi tliet tabs, kull waħda tindirizza funzjoni ta' għodda:

- **Oħloq l-UFIs**, din it-tab tinfetaħ meta tibda l-applikazzjoni.
- **Ivvalida l-UFI.**
- **Ikseb kjavi tal-kumpanija.**

Tista' tinnaviga b'mod liberu bejn it-tabs billi tikklikkja fuq l-intestatura ta' tab. Jekk tmur f'tab oħra, id-data tiegħek mhijiex se tinbidel jew titħassar.

2

L-applikazzjoni hija disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità Ewropea. Il-lingwa awtomatika hija l-Ingliż.

Biex tibdel il-lingwa tal-applikazzjoni, agħżel il-lingwa li tippreferi mill-għażla fin-naħa tal-lemin ta' fuq.

L-applikazzjoni se tidher mill-ġdid mill-ewwel fil-lingwa magħżula.

Jekk is-settings tal-browser tiegħek jippermettu l-ħolqien ta' cookies (ara l-appendiċi**Error! Reference s ource not found.**), l-applikazzjoni se tiftakar il-lingwa magħżula tiegħek: meta tiftaħ mill-ġdid l-applikazzjoni, din se tidher fil-lingwa li kienet magħżula meta għalaqtha.

2.2 Iġġenera UFI wieħed

Kif muri fil-Figura 2-1, il-ġenerazzjoni ta' UFI wieħed hija kompitu sempliċi ta' 4 passi.

1. Daħħal il-VAT , 2. Daħħal in-numru ta' formulazzjoni, 3 .Ikklikkja fuq "Create" (Oħloq), 4.Ikkopja l-UFI tiegħek



Figura 2-1: Iġġenera UFI meta l-kumpanijia tiegħek ikollha numru tal-VAT

Jekk il-kumpanija tiegħek m'għandhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx, int għandek issegwi l-passi deskritti fit-taqsima 2.4 hawn taħt.

Suġġerimenti għall-VAT:

- Jekk użajt l-applikazzjoni qabel fuq l-istess kompjuter u ppermettejt l-użu tal-cookies (ara l-appendiċi **Error! Reference source not found.**), meta tiftaħ mill-ġdid l-applikazzjoni, se jinbeda l-pajjiż li ntgħażel l-aħħar.
- Int tista' tikkopja/tippejstja jew iddaħħal in-numru tal-VAT tiegħek b'separaturi ta' tikka jew ta' sing li normalment jintużaw f'rappreżentazzjonijiet testwali/stampati tan-numri tal-VAT; pereżempju 0429.117.706. Meta jiġi kkalkulat l-UFI, dawn il-karattri se jinqabżu.
- Se jiġu injorati wkoll karattri vojta.
- Meta l-ittri jistgħu jkunu parti min-numru tal-VAT, se jiġu aċċettati ittri żgħar jew kbar. Pereżempju, 123456789B12 u 123456789b12 jitqiesu li huma l-istess numru tal-VAT għan-Netherlands.
- L-applikazzjoni tipprovdi appoġġ rigward il-format tan-numru tal-VAT billi turi test ta' għajnuna speċifiku għall-pajjiż ħdejn l-entrata. Jekk tmexxi l-maws fuq it-test ta' eżempju se tidher definizzjoni tal-format f'għodda ta' għajnuna.

Suġġerimenti għan-numru ta' formulazzjoni:

- **Numru ta' formulazzjoni għandu jkun numru sħiħ bejn 0 u 268 435 455.**

- **Jekk ikun hemm xi tikek, dawn jitqiesu li huma separaturi ta' eluf u se jinqatgħu mill-input. Pereżempju *1.267* u *1267* jitqiesu li huma l-istess numru ta' formulazzjoni.**
- **Se jiġu injorati wkoll karattri vojta.**

Suġġeriment dwar l-UFI: L-UFI ġġenerat jista' jiġi kkupjat għal fuq il-klipbord billi sempliċiment tikklikkja fuq l-ikona fuq in-naħa tal-lemin tal-entrata. Dan huwa mod faċli ta' kif tippejstja l-valur tiegħu f'applikazzjoni oħra.

Din il-karatteristika mhijiex kompletament appoġġata f'Safari fejn l-UFI se jintgħażel iżda mhuwiex se jitpoġġa fil-klipbord. L-utent xorta jeħtieġ li jagħmel dik l-aħħar azzjoni.

Twissija: Jekk tibdel il-valur ta' kwalunkwe waħda mill-entrati ta' input, l-UFI se jitħassar. Oqgħod attent biex tikkupjah qabel tagħmel xi bidla bħal din. Naturalment, dejjem tista' tiġġenera mill-ġdid l-UFI tiegħek: l-istess UFI se jiġi ġġenerat mill-istess numru tal-VAT koppju / numru ta' formulazzjoni.

2.3 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar

Meta jkunu jridu jiġu ġġenerati bosta UFIs għall-istess kumpanija, preferibbilment tintuża l-karatteristika ta' ammonti kbar milli l-ġenerazzjoni manwali tagħhom waħda waħda. Meta tuża l-ġenerazzjoni f'ammonti kbar, jingħata sett ta' numri ta' formulazzjoni lill-applikazzjoni u l-UFIs korrispondenti se jirritornaw f'operazzjoni waħda. Hemm żewġ modi kif jiġu pprovduti n-numri ta' formulazzjoni:

- Jekk in-numri ta' formulazzjoni tiegħek huma **sekwenzjali**, tista' tikkodifikahom faċilment fl-applikazzjoni billi tispeċifika l-valur tal-ewwel numru ta' formulazzjoni u kemm trid UFIs. Dan huwa muri fil-Figura 2-2 hawn taħt.

- Jekk in-numri ta' formulazzjoni tiegħek **mhumiex sekwenzjali**, dawn għandhom jingħataw lill-applikazzjoni bl-użu ta' fajl CSV/testwali. Dan huwa muri fil-Figura 2-3.

Innota li hemm limitu għan-numru ta' UFIs li tista' tikseb f'talba waħda f'ammonti kbar: 10.000.

2.3.1 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni sekwenzjali

1. Daħħal il-VAT, 2. Agħżel il-mekkaniżmu ta' ammonti kbar, 3a. Daħħal l-informazzjoni tal-formulazzjoni *L-ewwel numru ta' formulazzjoni* 3b. Daħħal l-informazzjoni tal- formulazzjoni *Kemm se jinħolqu UFIs,* 4. Ikklikkja fuq "Create" (Oħloq) u ssejvja r-riżultat tiegħek



Figura 2.2: Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni sekwenzjali

Twissija: L-applikazzjoni tuża l-brawżer biex tikseb il-fajl u għalhekk l-imġiba se tkun differenti skont il-konfigurazzjoni tal-brawżer tiegħek. Jekk jogħġbok irreferi għall-appendiċi Error! Reference source not found. 'Error! Reference source not found.' għad-dettalji.

Din il-funzjoni mhijiex appoġġata f'Safari (sistema operattiva OS Mac).

Se tinfetaħ kaxxa tad-djalogu u l-applikazzjoni se tipproponi isem tal-fajl għall-fajl irritornat li huwa mibni bħala

"UFI_<numru tal-VAT>_<DATA_SSSSXXJJ>_<ĦIN_HHMMSS>.csv"

jew

"UFI_<DATA_SSSSXXJJ>_<<ĦIN_HHMMSS>.csv"

skont l-informazzjoni tal-VAT mogħtija. Għalhekk isem ta' fajl jista' jkun:

"UFI_BE0429117706_20160607_174706.csv".

Twissija**:** Hija r-responsabbiltà tal-utent li jissejvja l-fajl riċevut u li jagħtih isem xieraq, possibbilment differenti minn dak propost mill-applikazzjoni.

Suġġeriment: L-importazzjoni tas-CSV f'Excel.

Skont is-settings reġjonali tal-kompjuter tiegħek, jista' jkun li s-CSV ma jiddhirx kif suppost bħala skeda ta' żewġ kolonni f'Excel. Jekk dan ikun il-każ, ikkonsulta l-appendiċi Error! Reference source not found. 'Error! Reference source not found.' biex issir taf kif timporta s-CSV tiegħek bl-Excel.

2.3.2 Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni mhux sekwenzjali

Sabiex tiġġenera UFIs multipli minn numri ta' formulazzjoni mhux sekwenzjali, l-ewwel jeħtieġ li tipprepara fajl testwali jew ta' CSV li jkun fih kolonna waħda bin-numri ta' formulazzjoni u mbagħad issegwi l-passi deskritti fil-Figura 2-3.

L-uniċi limiti għall-fajl huma li:

- Dan għandu jkollu numru ta' formulazzjoni wieħed għal kull linja.
- Dan ma jistax jinkludi aktar minn 10 000 linja.
- Dan ma għandux ikun fih linji vojta.

Jekk il-fajl ma jiġix iġġenerat minn programm, int tista' toħolqu manwalment billi tuża Excel jew kwalunkwe editur tat-test (pereżempju, Notepad jew Notepad++) sabiex tikkodifika n-numri ta' formulazzjoni (wieħed għal kull linja) u tissejvja d-*data* bħala fajl testwali. Aktar dettalji dwar kif tissejvja l-fajl huma pprovduti fl-appendiċi A.4 "Oħloq fajl b'numri ta' formulazzjoni".

1. Daħħal il-VAT, 2. Agħżel il-mekkaniżmu ta' ammonti kbar, Iftaħ il-fajl tal-input tiegħek
3. *Numru formulatur wieħed għal kull linja,* 4. Ikklikkja fuq "Create" (Oħloq) u ssejvja r-riżultati tiegħek



Figura 2-3: Iġġenera UFIs f'ammonti kbar minn numri ta' formulazzjoni mhux sekwenzjali

F'pass 3 int se jkun jeħtieġlek tagħżel il-fajl tiegħek. Innota li t-tip ta' fajl fin-navigatur huwa stabbilit għal CSV (ara r-rettangolu aħmar fil-Figura 2 4). Jekk il-fajl tiegħek m'għandux l-estensjoni .csv, jeħtieġ li tagħżel l-għażla "All files" (Il-fajls kollha) biex issibu.



Figura 2-4: Agħżel fajl CSV b'numri ta' formulazzjoni

Jekk il-fajl li tellajt mhuwiex ifformattjat tajjeb, l-applikazzjoni se turi messaġġ ta' żball. Raġunijiet possibbli għal dan l-iżball huma:

- Il-fajl mhuwiex test b'kolonna waħda jew fajl CSV jew fih linji vojta.
- Il-fajl mhuwiex fajl testwali.
- Il-fajl jinkludi tal-inqas numru ta' formulazzjoni wieħed mhux validu. L-applikazzjoni mhijiex se tipprova tiġġenera l-UFIs għan-numri ta' fomulazzjoni korretti li jista' jkun fih il-fajl.

2.4 Iġġenera UFI meta l-kumpanija tiegħek ma jkollhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx

Meta l-kumpanija tiegħek ma jkollhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx biex tiġġenera UFI inti tista' toħloq UFI billi ssegwi l-passi skont kif indikati fil-Figura 2-5. Dan l-approċċ jista' jiġi ġġeneralizzat għall-ġenerazzjoni ta' UFIs f'ammonti kbar deskritta fit-taqsima 2.3.

1. L-ebda dikjarazzjoni tal-VAT, 2. Daħħal in-numru ta' formulazzjoni, 3. Ikklikkja fuq "Create" (Oħloq), 4.Ikkopja l-UFI tiegħek



Figura 2-5: Iġġenera UFI meta l-kumpanija tiegħek ma jkollhiex numru tal-VAT jew għażlet li ma tużahx

3. Ivvalida UFI

Jekk tixtieq tivvalida UFI, dan jista' jsir billi ssegwi l-passi skont kif murija fil-Figura 3-1.

1. Daħħal l-UFI, 2. Ikklikkja "Ivvalida"



Figura 3-1: Kif tivvalida UFI

Jekk l-UFI li tivvalida ma jkunx tajjeb, se jiġu rrappurtati żbalji fl-ordni li ġejja:

- Dan il-UFI mhux validu: Mhuwiex fil-format xieraq, eż.: 3000-A0PG-V004-2074
- Karattri ta' UFI: UFI ma jistax ikollu "L", "I", "O", "B" u "Z".

- Checksum: iċ-checksum ta' UFI għandu jkun korrett. (Dan jista' jiġi vverifikat biss internament mill-applikazzjoni nnifisha, u mhux mill-utent). Jekk iċ-checksum ma jkunx korrett, dan jimplika li tal-inqas wieħed mill-karattri fl-UFI mhuwiex korrett.

Jekk it-tul, il-karattri u ċ-checksum tal-UFI jkunu korretti, UFI xorta jista' ma jkunx korrett għar-raġunijiet li ġejjin[1]:

- Kodifikazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-pajjiż tal-VAT.

- Kodifikazzjoni tan-numru tal-verżjoni.

[1] UFI ħażin bħal dan jista' jiġi ġġenerat biss minn implimentazzjoni ħażina tal-algoritmu tal-ġenerazzjoni ta' UFI.

4. Ikseb kjavi tal-kumpanija

Il-kisba ta' kumpanija għall-użu f'implimentazzjoni lokali tal-ġeneratur tal-UFI ssir billi jiġu segwiti l-passi murija fil-Figura 4-1.

2. 1. L-ebda dikjarazzjoni tal-VAT, 2. Ikklikkja fuq "Get a company key" (Ikseb kjavi tal-kumpanija)

Twissija: **Din il-funzjonalità hija biss għall-kumpaniji li żviluppaw implimentazzjoni tas-software tagħhom stess biex joħolqu UFIs u li m'għandhomx numru tal-VAT jew għażlu li ma jużawhx biex jiġġeneraw UFI.**

Suġġeriment: **Aktar dettalji dwar kif tiżviluppa implimentazzjoni lokali tal-ġeneratur tal-UFI huma disponibbli fil-Manwal tal-iżviluppatur fuq is-sit web taċ-Ċentri għal Kontra l-Velenu tal-ECHA.**



Figura 4-1: Kif tikseb kjavi tal-kumpanija

Suġġerimenti: Il-kjavi ġġenerata tista' tiġi kkupjata għal fuq il-klipbord billi sempliċiment tikklikkja fuq l-ikona fuq in-naħa tal-lemin tal-entrata. Dan huwa mod faċli ta' kif tippejstja l-valur tagħha f'applikazzjoni oħra.

Din il-funzjoni mhijiex kompletament appoġġata f'Safari fejn il-kjavi tal-kumpanija se tintgħażel iżda mhijiex se titpoġġa fil-klipbord. L-utent xorta jeħtieġ li jagħmel dik l-aħħar azzjoni.

Appendiċi 1. Rekwiżiti tal-brawżer, JavaScript u l-użu tal-cookies

Biex tħaddem l-applikazzjoni, teħtieġ biss **brawżer reċenti li jippermetti JavaScript**.

Ir-rekwiżiti minimi tal-brawżer huma:

- Internet Explorer 10+
- Mozilla Firefox 41 +
- Google Chrome 42+

L-applikazzjoni ġiet ittestjata wkoll biex taħdem bil-brawżers li ġejjin. Kwalunkwe differenza fl-imġiba ġiet immarkata fit-test fejn meħtieġ.

- Edge (is-sostitut ta' Internet Explorer fuq Windows 10)
- Safari fuq kompjuter Apple

Jekk m'intix ċert jekk JavaScript huwiex permess fil-brawżer tiegħek, tista' tmur fuq http://activatejavascript.org/en. Din il-paġna se tiċċekkja s-settings tal-brawżer tiegħek u se tgħidlek jekk JavaScript huwiex attivat jew le.



Figura A-1 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.**-1: Verifikatur tal-JavaScript**

Jekk JavaScript mhuwiex permess, il-metodu biex tattivah huwa pprovdut fuq is-sit web imsemmi hawn fuq. Ġeneralment huwa possibbli li tippermetti JavaScript b'mod selettiv għal xi siti biss. Għalhekk, huwa possibbli li tattiva JavaScript għal din l-applikazzjoni biss waqt li l-bqija żżommu diżattivat bħala kwistjoni ta' politika f'organizzazzjoni.

L-applikazzjoni se tuża l-cookies tal-brawżer biex tiftakar il-lingwa magħżula u n-numri tal-VAT tiegħek. L-ewwel darba li tibda l-applikazzjoni, int se tiġi infurmat dwar il-cookies permezz ta' messaġġ li jidher fin-naħa t'isfel tal-paġna u muri fil-Figura A-2.



Figura A-2 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.**-2: Messaġġ ta' kunsens għall-cookies**

Il-link "how we use cookies" ("kif nużaw il-cookies") se tiftaħ il-paġna tal-avviż legali tas-sit web tal-ECHA fit-taqsima tal-cookies[2] fil-lingwa magħżula tiegħek.

[2] http://www.echa.europa.eu/en/legal-notice#cookies għall-verżjoni bl-Ingliż.

Int għandek tikklikkja fuq Close (Agħlaq) biex taħbi dan il-messaġġ. Dan mhux se jerġa' jidher[3].

Jekk int tagħżel li ma tippermettix li l-cookies jiġu ssejvjati fuq il-kompjuter tiegħek, l-applikazzjoni se taħdem iżda int m'intix se tibbenifika minn xi wħud mill-karatteristiċi tagħha: il-lingwa li tippreferi u l-pajjiż tal-VAT tiegħek mhumiex se jinfetħu meta tiftaħ l-applikazzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-cookies li tuża l-applikazzjoni biex tiftakar il-lingwa magħżula u n-numri tal-VAT.

Tabella 1-1: Cookies tal-applikazzjoni

Isem tal-cookie	Kontenut tal-cookie	Kontenut ta' eżempju
lingwaKurrenti	Kodiċi ISO tal-aħħar lingwa magħżula. Il-valur tiegħu jinqara meta tibda l-applikazzjoni biex tagħżel il-lingwa tal-utent.	de
pajjiż_użat_reċentement	Kodiċi ISO tal-aħħar pajjiż magħżul. Il-valur tiegħu jinqara meta tibda l-applikazzjoni biex tibda l-parti tal-pajjiż tal-VAT.	BE
vats_użati_reċentement	Il-valur tal-aħħar 5 numri tal-VAT. Il-valur tiegħu jintuża biex jiffaċilita l-ittajpjar tan-numru tal-VAT billi jintuża ttajpjar bil-quddiem	0123456789::7C123456789::0856891011::0236919256::12522::

[3] Jekk int taċċessa l-applikazzjoni mill-istess brawżer fuq l-istess PC u ma neħħejtx il-kunsens għall-cookies.

Appendiċi 2. Settings tal-issejvjar tal-brawżer

Peress li l-applikazzjoni tuża l-brawżer biex tissejvja l-fajls, din l-imġiba se tiddependi mill-konfigurazzjoni tal-brawżer tiegħek.

B'mod awtomatiku u fin-nuqqas ta' settings partikolari, il-brawżers jissejvjaw il-fajls fid-direttorju Download (Tniżżil) tal-utent li f'PC ta' Winodws jinsab taħt id-direttorju personali tal-utent: *C:\Users\jdoe\Downloads for user jdoe*. Dan ifisser li l-imġiba awtomatika ma tippermettix "Saving as" ("Issejvja bħala"): il-fajls issejvjati kollha jinħolqu f'dak il-post bl-isem li jingħatalhom mill-applikazzjoni.

Huwa possibbli li tissupera din l-imġiba u li tispeċifika direttorju ieħor fejn se jiġu ssejvjati l-fajls li tniżżel. It-teknika biex tikkonfigura il-post ta' ssejvjar tal-brawżer tiegħek hija ftit differenti f'kull każ. Hawn qed nipprovdu deskrizzjoni għat-tliet brawżers ewlenin:

Firefox[4]

- Ikklikkja fuq Tools (Għodda) u mbagħad Options (Opzjonijiet) biex tiftaħ il-paġna about:preferences (dwar:preferenzi).
- Fit-taqsima General / Downloads (Ġenerali /Tniżżil), agħżel Save files to (Issejvja l-fajls fuq) u l-post ta' tniżżil ippreferut tiegħek, kif muri.



Alternattivament, huwa possibbli li titlob lill-brawżer biex isaqsik għal post ta' ssejvjar kull darba li ttissejvja fajl li tniżżel billi tikklikkja fuq Always ask me where to save files (Dejjem staqsini fejn nissejvja l-fajls) kif muri.



Jekk tagħżel dik l-opzjoni, int se tintalab tispeċifika post ta' ssejvjar kull darba li tniżżel fajl, li tagħtik il-flessibbiltà li kull darba tagħżel direttorju differenti.

[4] Ippruvat b'Firefox 45.0.2.

Chrome[5]

- Fin-naħa ta' fuq tal-lemin, ikklikkja fuq l-ikona .
- Ikklikkja fuq *Settings* (Settings) biex tiftaħ il-paġna *chrome://settings/* (chrome://settings/).
- Ikklikkja fuq Show advanced settings (Uri settings avvanzati).
- Fit-taqsima ta' Tniżżil, agħżel id-Download location (Post ta' tniżżil) jew ikklikkja fuq Ask where to save each file before downloading (Staqsi fejn nissejvja kull fajl qabel inniżżlu) kif muri hawn taħt.



Internet Explorer[6]

- Fin-naħa ta' fuq tal-lemin, ikklikkja fuq l-ikona Ξ.
- Ikklikkja fuq View downloads (Uri l-fajls li niżżilt).
- Fin-naħa ta' isfel fuq ix-xellug tal-kaxxa tad-djalogu miftuħa, ikklikkja fuq Options (Opzjonijiet).
- Fittex il-post ta' tniżżil ippreferut tiegħek u kklikkja fuq OK (OK).



Għall-kuntrarju ta' Firefox jew Chrome, Internet Explorer m'għandux opzjoni espliċita biex titlob lill-brawżer jissuġġerixxi post fejn tissejvja l-fajl kull meta tniżżel wieħed. Minflok, il-brawżer joffri possibbiltà ta' "Save as" (Issejvja bħala): meta tniżżel fajl, jidher djalogu fin-naħa t'isfel tal-paġna, kif muri fil-Figura A-3.

[5] Ippruvat bi Chrome 50.0.2661.102.
[6] IE9, IE10, u IE11.

Figura A-3 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-**3: Niżżel u ssejvja fajl b'Internet Explorer**

Jekk sempliċiment tikklikkja fuq Save (Issejvja), il-fajl se jitpoġġa fid-direttorju "Download" ("Tniżżil") konfigurat tiegħek. Jekk tagħżel it-trijanglu ħdejn il-buttuna Save (Issejvja), issir disponibbli l-azzjoni Save as (Issejvja bħala) u se tippermettilek tfittex post fejn tissejvja l-fajl tiegħek. Dan huwa muri fil-Figura A-4.



Figura A-4 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-**4: Issejvja bħala b'Internet Explorer**

Appendiċi 3. Importa CSV f'Excel

Il-fajl CSV iġġenerat mill-applikazzjoni juża l-virgola standard (",") bħala separatur. Fil-prinċipju, meta tiftaħ il-fajl f'Excel, il-kolonni se jinfirdu. Jekk dawn ma jinfirdux, kif muri hawn taħt, dan jiġri minħabba li s-settings reġjonali tiegħek ma jagħrfux il-virgola bħala separatur tal-entrati.

	A
1	101,XP80-8083-R00C-NE0R
2	190,0AH0-90PF-000D-HSVG
3	234,23N0-K01W-G005-MTHA
4	567,YPJ1-30W3-F00Y-WGJT
5	890,KEF2-K0UA-D00T-JRSN
6	

Figura A-5 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-**5: Excel ma jifridx kolonni**

Tista' tipprova tibdel is-settings reġjonali tiegħek, iżda aħna nirrakkomandaw li timporta l-fajl CSV f'Excel kif ġej[7].

1. Iftaħ workbook vojt.
2. Fit-taqsima Data (*Data*), agħżel From Text (Mit-Test) f'Get External Data (Ikseb *Data* Esterna).



3. Fittex u agħżel il-fajl CSV tiegħek, imbagħad ikklikkja fuq Import (Importa).

[7] Ir-ritratti tal-iskrin f'din it-taqsima saru b'Excel 2013. Il-mekkaniżmu ta' importazzjoni huwa simili f'verżjonijiet oħra tal-prodott.



4. Excel jiftaħ il-wizard tal-importazzjoni. Agħżel Delimited (Delimitat), imbagħad Next (Li jmiss).



5. Fil-pass li jmiss, agħżel Comma (Virgola) bħala s-separatur tal-entrati u kklikkja fuq Finish

(Spiċċa).



6. Ikklikkja OK fid-djalogu li jmiss li jsaqsik fejn tpoġġi d-*data* importata.



7. Excel jimporta d-*data* tiegħek f'żewġ kolonni.



Issa tista' tissejvja l-fajl bħala dokument Excel ġenwin (.xls jew estensjoni .xlsx).

Appendiċi 4. Oħloq fajl b'numri ta' formulazzjoni

Sabiex tiġġenera UFIs f'ammonti kbar meta n-numri ta' formulazzjoni tiegħek ma jkunux konsekuttivi, jeħtieġ li tikkodifikahom bħala fajl testwali/CSV.

L-uniċi limiti għall-fajl huma li:

- Dan għandu jkollu numru ta' formulazzjoni wieħed għal kull linja.
- Dan ma jistax jinkludi aktar minn 10 000 linja.
- Dan ma għandux ikun fih linji vojta.

Jekk il-fajl ma jiġix iġġenerat minn programm, mod faċli ta' kif toħolqu manwalment huwa li tuża Excel.

1. Iftaħ Excel.
2. Ikkodifika n-numri ta' formulazzjoni.
3. Meta tissejvja l-fajl
   a. Agħti isem lill-fajl
   b. Agħżel "CSV (Comma delimited) (*.csv)" (CSV (Virgola delimitata (*.csv))



Figura A-6 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-**6: Save as (Issejvja bħala) .csv b'Excel**

4. Ikklikkja fuq Save (Issejvja).

Bl-istess mod faċli tista' wkoll tuża kwalunkwe editur tat-test (pereżempju, Notejew Notepad++) sabiex tikkodifika n-numri ta' formulazzjoni (wieħed għal kull linja) u tissejvja d-*data* bħala fajl testwali.



Figura A-7 Uża t-tab Home (Paġna prinċipali) biex tapplika l-Intestatura 1 tal-Appendiċi lit-test li tixtieq jidher hawn.-**7: Save as (Issejvja bħala) .csv b'Notepad**

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
TELAKKAKATU 6, P.O. BOX 400,
FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU